**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tat-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Avviz numru 2/2015 JVC**

**Projekte Global Limited**

**-vs-**

**Ghajnsielem FC**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha l-ammont ta' hamest elef, sitt mija u tnejn u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5662.43) liema ammont huwa dovut fir-rigward ta' installazzjoni ta' masts, soft netting u fencing, li saru fuq l-istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u kif inhuma ahjar deskritti fil-ftehim anness u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-intimat minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Ghajnsielem F.C. fejn eccepixxa:

Illi l-esponenti jichdu bl-akbar qawwa l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici kif dedotti u dan stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba r-ragunijiet segwenti:

1. illi preliminarjament il-procedura adottata mis-socjeta' attrici hija wahda ntempestiva stante illi skont il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, liema ftehim qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A jistabilixxi li l-partijiet kellhom jirrisolvu kwalunkwe pendenzi bejniethom skont l-Att dwar l-Arbitragg u ghaldaqstant din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' l-kaz in vista ta' tali stipulazzjoni maqbula bejn il-partjiet.

2. illi fit-tieni lok, l-istess ftehim jistabilixxi l-modalita' ta' kif ghandhom isiru l-pagament u cioe' illi erbghin fil-mija (40%) mat-tlestija tax-xoghlijiet ta' installazzjoni liema xoghlijiet sal-gurnata ta' llum ghadhom ma humiex lesti, kif ukoll illi s-socjeta'

attrici thalset ammonti ferm akbar b'dan illi l-bilanc rimanenti huwa relattivament zghir.

3. illi fit-tielet lok ix-xoghlijiet ma sarux skont kif miftiehem bejn il-partijiet u jehtieg illi qabel xejn is-socjeta' attrici tottempera ruhha max-xoghlijiet hekk kif pattwiti qabel isir il-hlas a saldu skont il-ftehim.

4. illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

5. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi l-mertu tal-kawza gie cedut permezz tal-verbal datat 22 ta' Ottubru 2015.

Semghet il-provi dwar l-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partjiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda u mill-provi esebiti b'mod partikolari l-email tas-7 ta' Jannar 2015 u ta' Dicembru 2014 f'dok DM1 it-termini tal-kuntratt a fol 2 tal-process datat 12 ta' Lulju 2014 ma setghux jigu onorati mill-attur ghar-ragunijiet oltre l-poteri tieghu u dan gie ammess mill-konvenut fl-email imsemmija.

Decizjoni.

Ghar-ragunijiet susesposti l-Qorti tiddeciedi li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati bis-shih mill-konvenut.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur